# Wroclaw Christmas Markets
## & Fairytale Poland



**07 - 11 TA' DIĊEMBRU** — **5 t'ijiem**

**INŻURU: Wroclow, Lower Silesia, Ksiaz Castle, Swidnica, Giant Mountains, Valley of Palaces and Gardens, Żoo, Afrykarium...**

Validu sal-5 ta' Settembru

**Prezz kull persuna**
**(Eskursjonijiet u Taxxi mħallsa)**

| | Prezz Skontat |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €740 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €750 |
| Kamra ta' persuna waħda | €885 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' 2 adulti | €680 |

**Prezz jinkludi:**
- Prezz jinkludi:
- Titjira, Ryanair għal Wroclaw
- 20Kgs Bagalja
- Transfers u eskursjonijiet skond il-programm)
- 4 lljieli - Hotel Mercure 4 star fiċ-ċentru ta' Wroclaw
- Buffet Breakfast kuljum
- Taxxi tal-ajruport u
- Tour Leader
- Insolvency Protection

**Prezz ma jinkludiex:**
- City Tax
- Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains etc

**Jista' jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom. Staqsi għall-Kundizzjonijiet Ġenerali.*

**It-Tnejn 07 ta' Diċembru**
Niltaqgħu l-ajruport ta' Malta fis-07.30 għat-titjira FR7462 li titlaq fl-10.00 u tasal Wrocław fit-12.45. Mal-wasla jsir transfer privat bil-kowċ lejn il-lukanda Hotel Mercure Wrocław Centrum, lukanda ta' 4 stilel li tinsab fiċ-ċentru tal-belt, ftit minuti mixi biss mill-**Old Town** u l-famużi Christmas Markets. Wara s-sistemazzjoni tal-kmamar, noħorġu flimkien mal-leader għal mixja introduttorja fil-qalba storika ta' Wrocław sabiex nibdew ingawdu l-atmosfera maġika tal-Milied. Filgħaxija ħin liberu biex wieħed iżur il-**Christmas Markets**, jieħu ikla f'wieħed mir-ristoranti tipiċi Pollakki jew igawdi xarba sħuna fil-pjazza ewlenija mimlija dwal u dekorazzjonijiet tal-festi.

**It-Tlieta 08 ta' Diċembru**
Wara l-kolazzjon, Jkollna **City Tour** bil gwida tal-lokal mal-belt ta' Wrocław, waħda mill-isbaħ bliet fil-Polonja. Matul din iż-żjara naraw: Rynek – il-pjazza ewlenija u waħda mill-akbar fl-Ewropa Il-binja storika tat-Town Hall, Cathedral Island, Il-pontijiet pittoreski u l-istatwi magħrufa tal-"Dwarfs". Wara nofsinhar ħin liberu biex tkomplu tiskopru din il-belt, xiri jew aktar żjarat fil-Christmas Markets fejn wieħed isib prodotti artiġjanali, dekorazzjonijiet tal-Milied u ikel tradizzjonali Pollakk. Filgħaxija Norganizzaw (Extra) ikla tipika Pollakka b'mużika tradizzjonali.

**L-Erbgħa 09 ta' Diċembru**
Breakfast u nitilqu minn Wrocław għal vjaġġ panoramiku mill-isbaħ fil-kampanja **ta' Lower Silesia** lejn il-maestuż **Książ Castle,** wieħed mill-akbar u l-aktar kastelli impressjonanti fil-Polonja. Mibni fuq għolja mdawra b'foresti, il-kastell huwa magħruf għall-interni Barokki eleganti tiegħu, it-terrazzi panoramiċi, l-istorja aristokratika rikka u l-mini misterjużi taħt l-art marbuta mat-Tieni Gwerra Dinjija. Wara żjara fil-kastell u l-ġonna tal-madwar, inkompli lejn il-**Church of Peace ġo Świdnica,** knisja Luterana tal-injam elenkata bħala Sit ta' Wirt Dinji tal-UNESCO. Din il-knisja tas-seklu 17 hija famuża għall-kostruzzjoni straordinarja tagħha tal-injam u għall-intern rikkament imżejjen tagħha, u hija meqjusa bħala wieħed mill-aktar monumenti reliġjużi uniċi fl-Ewropa. Wara ftit ħin liberu għar-ritratti u mixja rilassanti, nirritornaw lejn Wrocław.

**Il-Ħamis 10 ta' Diċembru**
Breakfast u illum ser ikollna eskursjoni ta' ġurnata minn Wrocław lejn iż-żona spettakolari tal-**Giant Mountains** u l-**Valley of Palaces and Gardens**. Nitilqu għal vjaġġ panoramiku qalb pajsaġġi sbiħ, villaġġi pittoreski u muntanji miksija bis-silġ. Tul il-ġurnata ser naraw palazzi u residenzi storiċi mimlijin karattru u storja, filwaqt li ngawdu wkoll l-atmosfera sabiħa tal-muntanji fix-xahar festiv ta' Diċembru. Din l-eskursjoni toffri taħlita perfetta ta' natura, kultura u rilassament.

**Il-Ġimgħa 11 ta'Diċembru**
Breakfast u ġurnata libera għax-xiri u sightseeing personali. Dawk li jixtiequ jistgħu jingħaqdu mat-tour leader għal żjara fiż-**Żoo** ta' Wrocław, l-akbar żoo fil-Polonja, kif ukoll l-**Afrykarium** (Aquarium). Fil-15:15 nitilqu lejn l-Ajruport ta' Wrocław għat-titjira FR3463, li titlaq lejn Malta fis-18:45 u naslu f'Malta fid-21:35.